**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar l-Erbgħa 27 ta` Settembru, 2017.**

**Talba Nru: 153/2017PA**

**GO plc**

**vs**

**Victor Galea**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fis-27 ta' Marzu 2017 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' ħames mija, sitta u tmenin Ewro, sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€586.77ċ) in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont numru 40071448, wara li l-istess konvenut baqa' ma ħallasx minkejja li kien debitament interpellat biex jagħmel dan. Is-soċjeta' attriċi talbet ukoll li l-konvenut jiġi kundannat iħallas l-ispejjeż u d-drittijiet, inkluż dawk tal-ittra uffijċali 1901/15, u l-imgħax mill-14 ta' Ottubru 2015 meta giet prezentata l-istess ittra uffiċjali.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta' attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) prospett tal-ħlasijiet mitluba fuq il-kont mertu ta' din il-kawża (Dok.'A', fol.2-3); (ii) kopja tal-kuntratt li s-soċjeta' attriċi kellha mal-konvenut (Dok.'B', fol. 4); u (iii) kopja tal-ittra uffiċjali eżekuttiva li s-soċjeta' attriċi preżentat kontra l-konvenut fl-14 ta' Ottubru 2015 (Dok.'Ċ', fol.5).

Ra li l-konvenut kien debitament notifikat bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, pero' baqa' ma ppreżentax Risposta u lanqas deher biex jikkontesta l-kawża.

Ra li fl-udjenza tal-20 ta' Settembru 2017, Charmaine Psaila Raji għas-soċjeta' attriċi ddikjarat bil-ġurament li l-konvenut għadu debitur tas-soċjeta' attriċi fis-somma mitluba, u għar-raġunijiet indikati, f'din il-kawża.

Jidhirlu li din it-talba tas-soċjeta' attriċi tirriżulta sufficjentement pruvata, fil-kontumaċja tal-konvenut.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' ħames mija, sitta u tmenin Ewro, sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€586.77ċ), bl-imgħax u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**